**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur James Grech)**

**Vs**

**Kurt Grima**

**Oglive Grima**

Kump Nru: 622/12

Illum 8 ta' Jannar 2019

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Kurt Grima** ta' 27 sena, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 138785(M) u **Oglive Grima** ta' 21 sena, u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 207891 (M)

Akkuzati talli nhar it-13 ta' Gunju 2012, ghall-habta tas-19:15 hrs, gewwa Triq il-Kanun, Sta. Venera.

1. Ikkommettew serq ta' gizirana tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Emanuela Ancilleri anzjana ta' 64 sena, liema serq huwa kkwalifkat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-€2,329.37 ghad-detriment tal-istess Emanuela Ancilleri u/jew persuna jew persuni

ohra; Art. 261 (a)(b)(c), 262 (1)(a), 263(b), 267, 274(c), 275, 276A, 277(b), 278(2), 279(a), 280(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skont il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestew, zammew jew issekwestraw lil Emanuela Ancilleri kontra l-volonta' taghha, bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex igieghluha taccetta li taghmel xi trasferiment ta' hwejjigha; Art 86, 87 (1)(c)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu il-hajja ta' Emanuela Ancilleri anzjana ta' 64 sena f'periklu car, ikkagunawlha griehi ta' natura hafifa skont kif iccertifkat minn Dr Amanda Saliba Med. Reg. 3290; (Art. 214, 215, 221(1), 222A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess, jum, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kienu qed jaghmlu delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar, arma regolari , imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari; (Art. 55 (a) tal-Kap 480);

5. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi kellhom fil-pussess taghhom, taht il-kontroll taghhom jew garrew barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu arma tan-nar minghajr ma kellhom licenza taht l-Att dwar l-Armi (Art. 5 tal-Kap 480);

6. U aktar talli fl-istess, jum u cirkostanzi laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akwistati b'reat u/jew xjentement b'kull mod indahlu sabiex ibieghuhom jew imexxuhom; (Art. 334 tal-Kap 9);

**Kurt Grima** wahdu akkuzat talli.

7. Nhar is-26 ta' Mejju 2012 wara s-19:00 hrs, ikkommetta serq ta' flus kontanti u computer minn gewwa residenza 26, Triq Birzebbugia,

Birzebbugia, liema serq huwa kwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li jeccedix l-€2,329.37, bil-lok u l-hin, ghad-detriment ta' Esmeralda Galea u/jew persuna jew persuni ohra (Art. 261(b)(c)(e), 263, 265, 267, 269(g), 270, 278 (3), 279(a), 280(2), 281(b), Kap 9);

8. U aktar talli f'dawn l-ahhar xhur, gewwa Rahal Gdid ikkommetta serq ta' stereo minn gewwa vettura liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bix-xorta ta' haga misruqa, ghad-detriment ta' persuna jew persuni mhux maghrufa (Art. 261 (b)(g), 263, 264, 271(g), 278(2), 281(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. U aktar talli f'dan iz-zmien laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akwistati b'reat u /jew xjentement b'kull mod indahal sabiex ibieghhom jew imexxilhom. (Art. 334 Kap 9);

10. U aktar talli nhar l-14 ta' Gunju 2012 ghal habta ta' 12:00 hrs gewwa Rahal Gdid, bhala persuna, mizmuma skont il-ligi, bil-hsieb li jahrab mill-kustodja tal-persuna jew tal-persuni nkarigati mill-kustodja tieghu PS527 Stephen Camilleri u PC 1463 Carmelo Borg, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, (Art. 41(1)(a), 151, 160 tal-Kap 9);

11. U aktar talli b'hekk ikkommetta delitt punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' Ordni ta' Probation ghal perijodi ta' tlett snin moghtija lilu mill-Magistrat Dr Antonio Mizzi LL.D. nhar l-1 ta' Frar 2011;

**Oglive Grima** wahdu akkuzat talli:

12. B'hekk kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposta mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr Audrey Demicoli LL.D. fid-19 ta' Mejju 2012, f'dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u kif ukoll li jirtira gewwa daru bejn is-18:00 hrs u s-7:00 hrs ta' l-ghada filghodu u dan taht garanzija personali ta' €3,500 fost kundizzjonijeit ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti, (Art. 579(2) Kap 9)

Ghaldaqstant il-Qorti hija mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Oglive Grima u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna s-somma ta' €3,500 bhala garanzija personali tghaddi favur il-Gvern il-Malta kif stipulat fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment miltuba titratta ma Kurt Grima u Oglive Grima bhala recediv ta' sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat Kurt Grima, ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-arma tan-nar li ngarret bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Armi u dan kif mahsub f'Artikolu 56 ta' l-Att dwar l-Armi, Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' rinviju ta' gudizzju tal-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputati sabiex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

Fil-konfront ta' **Kurt Grima**:

1. fl-artikoli Art, 261(a)(b)(c)(e) u (g), 262(1)(a), 263, 267, 269(g), 270, 271(g), 274(c), 275, 276A, 277(b), 278(2) u (3), 279(a), 280(2), 281(a) u (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-artikoli 86 u 87(1)(c) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-artikoli 214, 221(1) u 222A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-artikoli 5, 51(2), 55(a) u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. fl-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. fl-artikoli 41(1)(a), 151 u 160 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. fl-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta; u
9. fl-artikolu 17, 23(1), 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Fil-konfront ta' **Oglive Grima**:

1. fl-artikoli Art, 261(a)(b)(c), 262(1)(a), 263(b), 267, 274(c), 275, 276A, 277(b), 278(2), 279(a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-artikoli 86 u 87(1)(c) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-artikoli 214, 221(1) u 222A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-artikoli 5, 51(2), 55(a) u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. fl-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. fl-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
8. fl-artikolu 17, 23(1), 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati jinsabu addebitati b'diversi reati liema imputazzjonijiet se jigu hawn taht trattati.

Illi qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tezamina l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputati tirrileva li invista tal-gurisprudenza li evolviet

dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istesss imputati, il-Qorti se tiskarta l-istess stqarrijiet[1].

**L-Ewwel Sitt Imputazzjonijiet rigwardanti t-13 ta' Gunju 2012**

L-imputati qeghdin jigu akkuzati b'serq ikkwalifikat bi vjolenza, bil-mezz u bil-valur fuq anzjana ta' 64 sena, b'sekwestru tal-persuna, li kkagunaw griehi hfief fuq l-istess persuna, u inoltre' li kellhom arma tan-nar waqt il-kommissjoni tad-delitt, b'pussess arma tan-nar minghajr licenzja u b'ricettazzjoni.

Jirrizulta[2] li fit-13 ta' Gunju 2012 ghall-habta tas-7/7.15p.m, **Emanuela Ancilleri** kienet miexja f'Sta Venera, u li kien hemm ragel li kellu l-beritta fuq rasu u wiccu mghotti (hlief ghajnejh), hatafha minn ghonqha u ssikkalha ghonqha u beda jigbdilha c-choker sew ghaliex ma nqatghatx malajr. Imbaghad telaq jigri. Is-sinjura Ancilleri bdiet tghajjat u nghatat l-ghajnuna minn xi nies. Rat li l-malvivent telaq jigri u rikeb karozza ta' kulur abjad. Din il-karozza kienet misjuqa minn haddiehor. Konsegwenza ta' dan, is-sinjura Ancilleri sofriet griehi u kellha ghonqha jugaghha. Hija marret il-policlinic u gie ccertifikat li sofriet minn griehi hfief[3].

**Pc 1514 Daniel Debattista**, li dak iz-zmien kien stazzjonat fil-mobile squad, xehed[4] li waqt is-shift tieghu kien inghata numru ta' registrazzjoni ta' karozza bajda billi kienet giet a konoxxenza taghhom li kien sar *snatch and grab* fuq persuna anzjana. Kienet insterqet xi gizirana minn ghonqha. Zewg persuni telqu f'Peugeot 205 Bajda. Il-persuni kienu ta' karnaggjon skur u li ntuzat xi balaklava. In-number plate li inghataw kien hazin izda kien simili hafna tal-karozza li sabu. Bdew jaghmlu r-ronda u kif kienu dehlin lejn Haz-Zabbar inzertaw Peugeot 205 fejn il-Maxims u raw zewg persuni li dehru suspettuzi. Kif raw il-karozza tal-pulizija saqu lejn il-Mina ta' Hompesch. Il-

[1] **Christopher Bartolo vs Avukat Generali deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018**

[2] Xhieda ta' Emanuela Ancilleri fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2014 u vide wkoll PIRS ezebiet bhala Dok DM1 a fol 89 minn PS 546 Mario Deguara waqt ix-xhieda tieghu fil-25 ta' Mejju 2015

[3] Dok JG 8 a fol 37 tal-process, li gie kkonfermat bil-gurament minn Dr Amanda Saliba fl-1 ta' Frar 2017

[4] Seduta tas-27 ta' Gunju 2012

pulizija dawru warajhom, iccekkjaw il-vettura u raw li kienet koperta b'assigurazzjoni u licenzja izda imbaghad l-Ispettur qalilhom li billi l-persuni kienu maghrufin maghhom kellhom iwaqqfuhom. B'hekk intalbet l-assistenza, baqghu jsegwuhom sakemm waslu fit-Telgha ta' Ghajn Dwieli. Kif waslet karozza tal-pulizija l-imputati (li huwa gharaf fl-Awla) twaqqfu u intalbu johorgu mill-karozza. Gew infurmati li kienu qed jigu arrestati u saret tfittxija fil-presenza taghhom gewwa l-vettura. Mit-tfittxija rrizulta li taht is-seat tal-passiggier instabu xi balaklavi, pistol, ingwanti. Kien hemm ukoll xi sustnaza bajda, trab u siringi. L-oggetti elevati ghaddewhom lis-CID. Ix-xhud gharaf il-pistola antika li nstabet taht is-seat u kkonferma li ma kinitx la kkargata u lanqas kien fiha bullets. Gharaf ukoll l-oggetti l-ohra li kien semma qabel. Huwa qal ukoll li meta l-imputati twaqqfu mill-pulizija kienu lebsin normali ossija ma kienux mghammda. Komplja jispjega li fuq Kurt Grima instabu €260 fi flus kontanti, u fuq Oglive Grima l-ammont ta' €285 fi flus kontanti. Din ix-xhieda kienet korroborata mix-xhieda ta' **PS 601 Justin Spiteri**[5] li wkoll mar fuq il-post u spjega kif meta l-imputati twaqqfu, gew infurmati bl-arrest taghhom u talabhom permess biex ifittxu fil-vettura u inghata permess. Kien huwa li sab il-pistola antika u zewg balaklavas suwed u borza bi trab abjad u meta saret tfittxija fuq il-persuni nstabu l-ammonti diga' msemmija.

**Tania Curmi**[6], xehdet li hija ghandha hanut tad-deheb De Paule Jewellers, f'Rahal Gdid. Hija spjegat li fl-14 ta' Gunju 2012 marru xi pulizija fil-hanut jistaqsuha jekk kinitx xtrat choker il-gurnata ta' qabel. Hija wiegbet li iva u ntalbet biex tehodha d-depot u r-ragel hekk ghamel. Hija spjegat li kienu marru zewg guvintur u wiehed minnhom kien diga' bieghilha xi haga qabel u kien talabha l-oggett li kien biegh lura. Hija hallset l-ammont ta' €560 fi flus kontanti. Hija gharfet liz-zewg imputati bhala l-persuni li bieghulha c-choker. Hija gharfet ic-choker tad-deheb ezebita in atti bhala Dok JG5[7]. Qalet ukoll li hija ma kinitx taf li c-choker kienet insterqet. Hija hadet id-dettalji ta' Kurt Grima (ID 0138785M)[8]. Hija kkonfermat in-notament li hija stess

5 Seduta tat-12 ta' Ottubru 2015. Ara wkoll xhieda Pc 405 Jason Schembri li xehed fis-16 ta' Settembru 2016.
6 Seduta tas-16 ta' Dicembru 2014
7 Liema choker giet rilaxxata lis-sinjura Ancilleri fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2013
8 liema numru haditu mill-karta tal-identita' li giet prezentata lilha.

hadet u nizzlet f'Dok JG6[9] fejn fiha nizzlet ukoll il-mobile number u l-ammont li hallset. **Richard Curmi**[10] xehed li huwa ha c-choker tad-deheb id-depot u inghata ricevuta[11] tkellem mal-Ispettur dwar dak li kien gara. Huwa kkonferma wkoll li c-choker ezebita in atti bhala Dok JG5 hija l-istess li ghadda lill-pulizija. Huwa ddikjara li l-flus li kien hallas lill-imputati ghadu ma hadhomx lura.

**Wpc 4 Anita Schembri** xehdet[12] li mir-ricerki li ghamlet ma jirrizultax li Oglive Grima ghandu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex izomm arma. **Ps 185 Roger Mifsud** xehed[13] li mir-ricerka li ghamel f'isem Kurt Grima jirrizulta li l-istess m'ghandu l-ebda tip ta' arma registrata fuq ismu[14].

**Stephen Cachia,** in rapprezentanza ta' Transport Malta, xehed[15] li l-vettura Peugeot 205 ta' kulur abjad, Reg Nru: IAD 596 hija registrata fuq certu Karl Grima (ID 138785M)[16]. L-indirizz indikat huwa 167, Triq Ghajn Dwieli, Rahal Gdid. Ghalkemm jirrizulta li hemm diskrepanza fl-isem kemm il-karta tal-identita' hija dik ta' Kurt Grima u anki l-indirizz huwa l-istess[17]

Illi inkwantu ghal din is-serqa l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi li l-imputati kienu involuti huma f'tali serqa. Ma jirrizultax li kien hemm xhieda li gharfuhom fuq ix-xena billi kienu mghammda. Biss pero' rrizulta li huma mill-ewwel marru fil-hanut tad-deheb f'Rahal Gdid flimkien biex jehilsu mill-istess gizirana (dan hekk kif ikkonfermat minn Tania Curmi), ircevew il-flus taghha u mit-tfittxija li saret gewwa l-vettura li kienu fiha ftit hin wara li twettqet is-serqa nstabu anki, fost ohrajn, balaklavi taht is-seat tal-passiggier. Irrizulta li l-persuni kienu infatti mghammda. Ma kienx

[9] A fol 35 tal-process
[10] Seduta tad-9 ta' Marzu 2015
[11] Dok JG7 a fol 36 tal-process
[12] Seduta tad-9 ta' Marzu 2015
[13] Seduta tal-25 ta' Mejju 2015
[14] Dok PAB1 a fol 182 tal-process
[15] Seduta tad-9 ta' Marzu 2015
[16] Dok SC1 a fol 353 tal-process
[17] Dokument a fol 185 tal-process

hemm trapass ta' zmien biex possibilment wiehed seta' jargumenta li l-hallelin kienu diga' ddisponew mill-gizirana u ghaddewha lill-imputati odjerni. Oltre' dan il-vettura involuta hija ta' Kurt Grima. Infatti inkwantu ghall-karozza Peugeot 205 ta' kulur abjad gie nnutat li l-malviventi uzaw karozza ta' tali marka u n-numru ta' registrazzjoni li nghata minn min cempel ghall-assistenza tal-pulizija kien hafna simili ta' dak li fil-fatt kienu qed isuqu l-imputati.

F'din is-serqa l-parte leza li dak iz-zmien kellha 64 sena sofriet griehi hfief invista li c-choker tqacctet minn m'ghonqha.

Ghalhekk gew ippruvati kemm l-aggravju tal-valur, tal-mezz billi l-malviventi kienu mghammda u li s-serq twettaq bil-vjolenza.

Inkwantu ghar-raba' imputazzjoni, ma jirrizultax mill-provi li waqt il-kummissjoni tas-serqa intuzat xi arma. Verament instabet arma fil-karozza izda ma rrizultax li din intuzat waqt is-serqa. Ghalhekk l-imputati mhux se jinstabu hatja ta' din l-imputazzjoni.

Inkwantu ghall-hames imputazzjoni din giet sodisfacjentement ippruvata billi tressqu provi li ebda wiehed mill-imputati m'ghandu arma registrata fuqu u bla ebda dubju nstabet arma fil-pussess taghhom.

Huwa evidenti li s-sitt imputazzjoni ta' ricettazzjoni din ukoll giet ippruvata tenut kont tax-xhieda ta' Tania Curmi u d-dokumenti li saret referenza ghalihom aktar 'il fuq f'din is-sentenza ossia li l-gizirana li kienu appena serqu nbieghet mill-istess imputati. F'dan il-kaz il-Qorti ma tqisx li tali imputazzjoni ghandha titqies li inghatat bhala alternattiva ghall-imputazzjoni ta' serq.

**<u>Fil-konfront ta' Kurt Grima wahdu</u>**

**<u>26 ta' Mejju 2012</u>**

Permezz tas-seba' imputazzjoni, l-imputat Kurt Grima jinsab addebitat b'serq ta' flus kontanti u kompjuter minn gewwa residenza ghad-dannu ta' Esmeralda Galea.

**Wps 219 Erica Abela** xehdet[18] li dahlet telefonata li kien hemm bzonn l-assistenza billi kienet sehhet serqa gewwa d-dar f'Birzebbugia. Hija marret minnufih u sabet persuna Esmeralda Galea quddiem il-bieb tal-ghassa biex turiha fejn kienet id-dar taghha. Is-sinjura Galea stqarret li hija kienet harget u mar-ritorn sabet id-dar mhux f'postha. Kien gie nnutat li nstabet tieqa miftuha berah u kif ukoll kien hemm id-dawl tad-dar mixghul u huma la kienu hallew twieqi miftuha u lanqas dwal[19]. Mir-rapport jirrizulta li l-bieb tal-komun tal-appartament kien sgassat u kien hemm diversi marki. Meta l-pulizija telghu l-ewwel indana sabu l-bieb tal-kwerelanti li anke l-bieb principali tal-flat kellu diversi daqqiet, u t-tieqa fejn il-bieb principali kienet imkissra wkoll u li x'aktarx min dahal gol-imsemmija residenza x'aktarx li dahal minn got-tieqa. Il-Pulizija nnutat li kien hemm it-taqlib fl-appartament.

**Esmeralda Galea** xehdet[20] li fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Mejju 2012 meta rritornaw id-dar sabet il-bieb t'isfel miftuh u d-dawl jixghel li mhux is-soltu. Kif telghu mit-tarag raw it-tieqa ghal kcina miftuha berah u d-dawl jixghel u hija qalet lil Josephine li toqghod maghha biex ma jidhlux ghax seta' kien hemm il-hallelin. B'hekk marru l-ghassa u marru d-dar akkumpanjati mill-pulizija. Kif dahlu rat it-taqlib u kienu nsterqu xi affarijiet ossija t-tower tal-kompjuter, monitor, modem, UPS, ir-radio bis-CD u €200. Hija ma rkuprat xejn mill-oggetti misruqa. Kurt Grima jigi n-neputi taghha. **Josephine Vassallo** xehdet[21] li dakinhar hija u Esmeralda kienu mistednin ghand hu Kurt Grima u x'hin irriturnaw fis-siegha sabu s-sitwazzjoni kif deskritta mis-sinjura Galea u sabu wkoll l-oggetti nieqsa li ta' whud minnhom hija ezebiet l-ircevuti[22]

[18] Seduta tal-25 ta' Mejju 2015
[19] Dok WA a fol 95 tal-process
[20] Seduta tal-25 ta' Mejju 2015
[21] Seduta tal-25 ta' Mejju 2015
[22] Dok V1 sa Dok V3 a fol 114 sa 116 tal-process

**Ps 171 Karl Glanville** u **Ps 465 Daniel Abela**[23] kienu pprezentaw rapport ta' xoghol li sar bhala police work rigwardanti serq mill-fond 26, Flat 1, Triq Birzebbugia, Birzebbugia fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Mejju 2012. Fir-rapport hemm faxxikolu ta' ritratti u lifters[24].

**L-espert Joseph Mallia,** nominat mill-Qorti sabiex jezamina l-lifters ha l-impronti digitali taz-zewg imputati u kien gie awtorizzat jirtira mill-process Dok KD1 u wettaq ezami komparattiv. Huwa spjega li kien hemm xi prints li ma kienux tajbin ai fini ta' komparazzjoni, filwaqt li kien hemm ohrajn[25] li kienu tajbin sab li zewg impronti elevati fuq lifter wiehed dokumenti kienu jaqblu pozittivament ma' wiehed mis-subgha l-werrej tal-id il-leminija u l-iehor mas-subgha l-kbir tal-id il-leminija ta' Kurt Grima[26].

Illi jirrizulta minn Dok KD1 li l-lifter dokument 12 BOM 303 gie elevat minn fuq kaxxa ta' lewn kannella li kienet fil-living room tal-fond li fih twettqet is-serqa.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Romeo Bone**[27] tinstab rassenja ta' gurisprudenza dwar impronti digitali :

"Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Borg et** deciza fil-15 ta' Gunju 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu uniovoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' fingerprints qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova".*

[23] Seduta tat-12 ta' Ottubru 2015
[24] Dok KD1 a fol 161 tal-process
[25] Lifter dokument 12 BOM 303
[26] Dok SNG 1 a fol 208 tal-process
[27] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fis-17 ta' Mejju 2016

*Fid-decizjoni moghtija fis-27 ta' Mejju 1999 mill-Qorti tal- Magistrati fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. Victor Gatt****, il-Qorti sostniet li l-kaz tal-Prosekuzzjoni jistrieh fuq il-fatt li nstabu  impronti digitali tal-imputat fuq flixkun tal-whisky misjub fil-fond fejn sehhet dik is-serqa. Illi fih innifsu ghalkemm dan hu ndizzju, huwa biss prova li l-imputat mess dak il-flixkun tal-whisky u xejn aktar.*

*Illi fis-sentenza moghtija 30 ta' Gunju 1998 fil-kawza fl-ismiijiet* ***Il-Pulizja vs. Emanuel Camilleri*** *gie deciz li:*

"f'dak il-kaz il-prova tal-*fingerprints* kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. Pero' hemm kazijiet fejn il-prova tal-*fingerprints* wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza".

Fil-fatt fl-Ingilterra fil-kaz **R v. Castletan** (3 Cr App R - 74, CCA (*vide* Archbold 1997 para 14-97) gie deciz li:

*"Identification of fingerprints by a person expert in such prints may be sufficient even where it is the only evidence of identification".*

F'dan l-istadju l-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Spagnol**[28]**.** F'din is-sentenza l-Qorti rreferiet ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vincent Calleja**[29] fejn inghad

*"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta'prova indizzjarja - "circumstantial evidence" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 "…works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li*

[28] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza 15 ta' Mejju 2013
[29] Deciza 7 ta' Marzu 2002 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali

*jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat."(Il-Pulizija vs Noel Frendo deciza 30 ta' Novembru 2004 – Appelli Kriminali Inferjuri)".*

Imbaghad il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kompliet hekk:

*"Illi ghalhekk wiehed jistaqsi, dina l-prova wahedha hija sufficjenti sabiex wiehed jikkonkludi illi l-imputat kien involut f'dina is-serqa? Illi huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn ta'l-ahhar iridu ikunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u iridu ikunu sufficjenti tali biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mir-reita' ta'l-imputat."*

Illi fl-atti l-uniku prova[30] migjuba fil-konfront tal-imputat huma proprju s-sejba tal-impronti digitali tieghu fuq landa li nstabet fil-living room tad-dar li giet derubata. Jehtieg ghalhekk jigi ezaminat jekk tali u uniku prova hijiex sufficjenti ghas-sejbien ta' htija. Fil-fehma tal-Qorti r-risposta hija fl-affermattiv. Mill-atti rrizulta wkoll li l-imputat jigi n-neputi tad-derubata. F'dan il-kaz ma rrizultax li l-imputat huwa midhla tad-dar tad-derubata. Min-naha l-ohra rrizulta li d-derubata u l-habiba taghha kienu mistednin ghand hu l-imputat dakinhar u l-Qorti temmen li ma kinitx koincidenza li l-imputat dahal f'dik id-dar proprju dakinhar. Infatti s-sinjura Galea qalet li rari tohrog filghaxijiet. Ma rrizultatx xi raguni partikolari ghalfejn dik l-impronta tal-imputat kellha tinstab fejn instabet ghaliex huwa kien dahal fil-fond biex izur lil zitu.

Mill-provi prodotti li saret referenza ghalihom aktar il-fuq, l-aggravji tal-mezz billi kien hemm sgass, tal-valur li gie ppruvat mir-ricevuti prezentati u mix-xhieda tad-derubati kif ukoll tal-lok billi twettqet f'dar ta' abitazzjoni huma lkoll ippruvati.

Ghaldaqstant l-imputat se jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

**<u>It-Tmien u d-Disa' Imputazzjonijiet</u>**

[30] Billi l-istqarrija tal-imputat giet skartata

In atti ma tressqet l-ebda prova in konnessjoni la ma' serqa li twettqet minn go karozza u lanqas ta' ricettazzjoni hlief ghal dak li stqarr l-imputat fl-istqarrija rilaxxjata minnu. Kif diga' gie rilevat din il-Qorti qeghda tiskarta l-istqarrija tal-istess Kurt Grima.

Ghaldaqstant l-imputat Kurt Grima ma jistax jinstab hati ta' tali imputazzjonijiet.

**<u>L-ghaxar imputazzjoni</u>**

L-imputat qieghed jigi akkuzat li nhar l-14 ta' Gunju 2012 waqt li kien fil-kustodja ta' PS 527 Stephen Camilleri u Pc 1463 Carmelo Borg ipprova jahrab.

**RPC 3006 Stephen Camilleri** xehed[31] li fit-13 ta' Gunju 2012 huwa kien surgent ic-CID bin-numru 527 u huwa kien qieghed ighin lill-ispettur fl-investigazzjoni. Jghid li jiftakar li kien mar ma' wiehed mill-imputati Kurt Grima u haduh fejn il-poliklinik ta' Rahal Gdid biex jergghu jgibu lura gizirana li kien biegh u tal-hanut kien tahilhom lura. Waqt li kienu fil-hanut dan ipprova jaharbilhom u ma rnexxilux ghaliex zelaq u qabduh.

Abbazi tax-xhieda ta' RPC 3006 Stephen Camilleri u abbazi tax-xhieda ta' Tania Curmi li tikkonferma li l-pulizija marru l-ghada li kienet xtrat il-gizirana, il-Qorti tqis li tali imputazzjoni giet ukoll ippruvata.

**<u>Il-Hdax-il Imputazzjoni</u>**

L-imputat Kurt Grima qieghed jigi akkuzat li kkommetta delitt waqt perjodu operattiv ta' probation moghti permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-1 ta' Frar 2011.

[31] Seduta tat-28 ta' Novembru 2016

Il-Prosekuzzjoni ezebiet vera kopja fotostatika tas-sentenza appena msemmija[32] li permezz taghha l-imputat tpogga taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni gie rilevat li l-imputat diga' gie trattat ghal din l-imputazzjoni permezz ta' sentenza moghtija fis-16 ta' Mejju 2013 u ghaldaqstant talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

**<u>It-Tnax-il Imputazzjoni li hija biss fil-konfront ta' Oglive Grima</u>**

L-Ispettur Robert Said Sarreo ipprezenta Dok SR1 fis-sens tal-identita' tal-imputat Oglive Grima[33].

Din l-imputazzjoni hija wkoll ippruvata u dan kemm ghaliex l-imputat kien barra oltre' l-hin tar-rinkazar hekk kif impost fid-digriet tad-19 ta' Mejju 2012 u kif ukoll ghaliex ikkommetta reat waqt li kien bil-liberta' provizorja. Ma jistax ma jigix rilevat li l-imputat kien ghadu kemm inghata l-helsien mill-arrest biss tlett gimghat qabel.

Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tqis li ghandha tordna l-konfiska tal-garanzija personali imposta fl-istess digriet tad-19 ta' Mejju 2012. Tordna wkoll ghalhekk ir-ri-arrest tieghu.

**<u>Addebitu tar-Recediva</u>**

L-imputati jinsabu addebitati bir-recediva fit-termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali.

**L-Ispettur Raymond Cassar** esebixxa[34] vera kopja fotostatika ta' sentenza[35] li inghatat fil-konfront ta' Oglive Grima (li huwa gharaf fl-Awla) fit-13 ta' Frar 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Sp Raymond Cassar)**

[32] Dok PSA6 a fol 242 tal-process
[33] A fol 270 tal-process
[34] Seduta tal-15 ta' Novembru 2012
[35] Dok CR1 a fol 211 tal-process

**vs Oglive Grima** fejn huwa kien l-ufficjal investigattiv. L-imputat kien inghata piena ta' sena prigunerija sospiza ghal sena.

**L-Ispettur James Grech** esebixxa[36] s-segwenti sentenzi fil-konfront ta' Oglive Grima:

- Vera kopja fotostatika ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Fabian Fleri) vs Oglive Grima** fit-13 ta' Settembru 2010[37] - il-konnotati huma identici ghal dawk tal-imputat odjern. L-imputat kien ikkundannat ghal 5 xhur prigunerija.
- Vera kopja fotostatika ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-25 ta' April 2008[38] - il-konnotati huma identici ghal dawk tal-imputat odjern. L-imputat kien ikkundannat ghal 16-il xahar prigunerija li gew sospizi ghal 4 snin u kien tpogga taht ordni ta' supervizjoni.

**L-Ispettur James Grech** esebixxa[39] s-segwenti sentenzi fil-konfront ta' Kurt Grima:

- Vera kopja fotostatika ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Mario Tonna) vs Kurt Grima** fil-25 ta' Frar 2008[40] - il-konnotati huma identici ghal dawk tal-imputat odjern u d-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni milli ttella bhala xhud lill-Ex-Spettur Mario Tonna[41]. L-imputat kien ikkundannat ghal sena prigunerija.
- Vera kopja fotostatika ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Anthony Portelli) vs Kurt Grima** fit-18 ta' Gunju 2009[42] - il-konnotati huma identici ghal dawk tal-imputat odjern. L-imputat kien ikkundannat ghal sentejn prigunerija.

---

[36] Seduta tal-15 ta' Novembru 2012
[37] Dok PSA1 a fol 216 tal-process
[38] Dok PSA2 a fol 219 tal-process
[39] Seduta tal-15 ta' Novembru 2012
[40] Dok PSA3 a fol 222 tal-process
[41] Seduta tal-15 ta' Marzu 2017
[42] Dok PSA4 a fol 224 tal-process

- Vera kopja fotostatika ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Spiridione Zammit) vs Kurt Grima et** fl-14 ta' Settembru 2009[43] - il-konnotati huma identici ghal dawk tal-imputat odjern. L-imputat kien ikkundannat ghal 18-il xahar prigunerija.
- Vera kopja fotostatika ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Stephen Mallia) vs Kurt Grima et** fl-1 ta' Frar 2011[44] - il-konnotati huma identici ghal dawk tal-imputat odjern. L-imputat kien tpogga taht ordni ta' probation.

Abbazi tal-provi migjuba l-Qorti tqis li l-addebitu tar-recediva huwa wkoll ippruvat.

**Piena**

Illi inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati u l-fedina penali tal-imputati. Mill-fedina penali jirrizulta li l-imputati ma ghandhomx wisq hegga biex jiddesistu mill-hajja kriminuza li qabdu u ghalhekk ghandha tigi imposta prigunerija effettiva.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti:

Fil-konfront ta' **Kurt Grima** wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 49, 50, 151, 160, 214, 221(1), 222A(1), 261(a)(b)(c)(e)(f), 262(1)(a), 263, 267, 269(g), 270, 274(c), 275, 276A, 277(b), 278(2) u (3), 279(a), 280(2), 289 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 5 u 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-hames, is-sitta, is-seba' u l-ghaxar imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif ukoll issibu hati bl-addebitu tar-recediva u

[43] Dok PSA5 a fol 238 tal-process
[44] Dok PSA6 a fol 242 tal-process

tikkundannah ghal sitt snin u nofs prigunerija effettiva. L-imputat mhux qed jinstab hati tar-raba', tat-tmien u tad-disa' imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u minnhom tilliberah, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hdax-il imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Fil-konfront ta' **Oglive Grima,** wara li rat l-artikoli 49, 50, 214, 221(1), 222A(1), 261(a)(b)(c), 262(1)(a), 263, 267, 274(c), 275, 276A, 277(b), 278(2) u (3), 279(a), 280(2), 289, 334 u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 5 u 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-hames, is-sitta, u t-tnax-il imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif ukoll hati bl-addebitu tar-recediva u tikkundannah ghal hames (5) snin prigunerija effettiva. L-imputat mhux qed jinstab hati tar-raba' imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u minnha tilliberah.

Inoltre' tordna l-konfiska tal-garanzija personali imposta bid-digriet tad-19 ta' Mejju 2012 ghaf-favur tal-Gvern ta' Malta u tordna wkoll ghalhekk ir-ri-arrest tieghu.

A tenur tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna l-konfiska tal-oggetti kollha li ghad fadal ezebiti in atti inkluz ukoll il-karozza Peugeot 205 Registrazzjoni Numru IAD 596 li giet ezebita formalment u l- flus kontanti bhala li kienu l-corpus delicti.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hati Kurt Grima jhallas l-ammont ta' €917.47 rapprezentanti hlas ta' espert nominat[45].

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**

---

[45] L-ispejjez inkorsi fl-inkarigu ta' Dr Stephen Farrugia Sacco mhux qed jigu akkollati lil Kurt Grima billi tali relazzjoni ma servitx ghal sejbien ta' htija.